# Vetturi bil-Mutur: Ir-Raba’ Kwart tal-2023

**NR 021/2024** **Data tal-Ħruġ: 2 ta’ Frar 2024**

*Fir-raba’ kwart tal-2023, l-istokk tal-vetturi bil-mutur bil-liċenzja żdied b’2,560 fuq it-tliet xhur ta’ qabel.*



Fi tmiem Diċembru 2023, l-istokk tal-vetturi lliċenzjati laħħaq l-438,567. Minn dan l-għadd, 73.8 fil-mija kienu karrozzi tal-passiġġieri, 14.2 fil-mija kienu vetturi kummerċjali jew agrikoli u 11.4 fil-mija kienu muturi/roti megħjunin b’enerġija elettrika, scooters li jitħaddmu bl-elettriku, muturi b’erba’ roti, u ATVs. Ix-xarabanks u l-minibuses ammontaw għal anqas minn wieħed fil-mija (Tabella nru 1). Fit-tliet xhur mitqiesa minn din l-istqarrija, l-istokk tal-vetturi lliċenzjati żdied b’rata medja netta ta’ 28 vettura kuljum (Ċart nru 2).

**Vetturi li ngħataw liċenzja ġdida**

Fiż-żmien li qed jiġi mifli f’din l-istqarrija, 5,483 vettura ngħataw liċenzja ġdida. Il-maġġoranza tagħhom, 3,658 jew 66.7 fil-mija tat-total, kienu karrozzi tal-passiġġieri. Warajhom ġew il-muturi/roti megħjunin b’enerġija elettrika b’967 jew 17.6 fil-mija. Il-vetturi ‘ġodda’ li ngħataw liċenzja ġdida laħqu t-3,080 jew 56.2 fil-mija tal-għadd sħiħ, mentri l-vetturi ‘użati’ li ngħataw liċenzja ġdida kienu jgħoddu 2,403 jew 43.8 fil-mija (Tabelli nri 2-4). Medja ta’ 60 vettura ngħataw liċenzja ġdida kuljum fir-raba’ kwart tal-2023 (Ċart nru 3).

**Vetturi b’restrizzjoni**

Tul ir-raba’ kwart tal-2023, kien hemm 6,314-il vettura li tneħħew mit-triq minħabba xi restrizzjoni. Fosthom, 38.9 fil-mija kienu ggaraxxjati, 34.2 fil-mija kienu mibjugħin mill-ġdid, filwaqt li 25.1 fil-mija kienu skrappjati. L-għadd ta’ vetturi li kellhom ir-restrizzjonijiet mtemmin fl-istess żmien kien ilaħħaq it-3,706. Il-biċċa l-kbira tagħhom kienu mibjugħin mill-ġdid (53.8 fil-mija) jew iggaraxxjati (45.4 fil-mija) (Tabelli nri 5-6).

**Għamla ta’ magna**

Fl-aħħar ta’ Diċembru tal-2023, 254,653 jew 58.1 fil-mija tal-vetturi kollha kienu jitħaddmu b’magni petrol. Il-vetturi li jitħaddmu b’magni diżil kienu jammontaw għal 156,616 jew 35.7 fil-mija tat-total. Vetturi oħrajn li jitħaddmu b’magni tal-elettriku u bl-elettriku u fjuwil ieħor kienu jġibu 3.9 fil-mija tal-istokk kollu u kienu jgħoddu 17,036 vettura. Meta mqabblin mat-tliet xhur ta’ qabel, żidiet ta’ 29.3 fil-mija, 7.9 fil-mija u 6.7 fil-mija kienu rreġistrati fl-għadd ta’ vetturi li jitħaddmu bid-diżil u l-elettriku, bil-petrol u l-elettriku, u bl-elettriku, rispettivament (Tabella nru 7).

## Ċart nru 1. L-istokk tal-vetturi bil-liċenzja, biż-żmien




## Ċart nru 2. It-tibdil medju ta’ kuljum fl-istokk tal-vetturi bil-liċenzja

Kull tliet xhur




Nota: Iċ-ċifri murija fiċ-ċart ta’ fuq huma maħduma bil-formula ta’ nota nru 9 tal-metodoloġija. Dawn jistgħu jvarjaw xi ftit mit-tibdil miksub mill-formula murija f’nota nru 8 tal-metodoloġija minħabba d-dati tal-għeluq ta’ databases differenti.

## Ċart nru 3. Medja ta’ vetturi ‘ġodda’ u vetturi ‘użati’ li kuljum ingħataw liċenzja ġdida

Kull tliet xhur

